MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 16/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael J. Zammit**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael J. Zammit talli fil-kwalita` tieghu ta' direttur u/jew segretarju ta' kumpanija u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta` kummercjali 'Eurolinx Limited' (C40689), b'indirizz registrat Vincenti Buildings, Suite 406, 14/19 Strait Street, Valletta, Malta u/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata mill-istess socjeta` kummercjali sabiex thallas l-pagi dovuti, naqas li jhallas il-pagi dovuti ghall-perjodu bejn l-1 t'Awwissu 2009 u l-24 t'Awwissu 2009 ammontanti ghal €1.624.16; naqas li jhallas l-*weekly allowance* dovut ghall-perjodu bejn l-20 ta Lulju 2009 sal-

24 t'Awwissu 2009 ammontanti ghal €27.96; naqas li jhallas *vacation leave* dovut sal-24 t'Awwissu 2009 ammontanti ghal €203.08; naqas li jhallas il-*bonus* statutorju dovut ghall-perjodu bejn l-20 ta' Lulju 2009 u l-24 ta' Awwissu 2009 ammontanti ghal €25.90; li b'kollox jammontaw ghal elf tmien mija wiehed u tmenin Ewro u ghaxar centezmi (€1,881.10) li kienu dovuti lill-ex-impjegat tas-socjeta` kummercjali hawn fuq imsemmija, u cioe` lil Karl Gambin fl-24 t'Awwissu 2009 meta l-impjieg tieghu gie terminat;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Michael J. Zammit mhux hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-25 ta' Jannar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma' sarx apprezzament xieraq tal-provi, u tiddeciedi il-mertu tal-kawza ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ssib lill-imsemmi Michael J. Zammit hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontrih;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa li l-ewwel Qorti erronejament ikkonkludiet li l-appellat ma kellu ebda rapprezentanza tas-socjeta` Eurolinx Ltd stante li kien irrizenja. Skond l-Avukat Generali l-appellat kien jokkupa l-kariga ta' *company secretary* fl-istess zmien u dak sussegwenti meta ntemm hesrem l-impjieg ta' Karl Gambin. Il-pagi u hlasijiet kollha dovuti lil Karl Gambin imorru lura ghall-20 ta' Lulju 2009. L-appellat jghid li rrizenja mill-kariga ta' *company secretary* b'effett mit-18 ta' Awissu 2009. L-Avukat Generali josserva illi skond id-Dok. JD1 Karl Gambin kien impjegat mal-kumpanija mill-20 ta' Gunju 2009 sa l-24 ta' Awissu 2009, qabel ma l-

appellat irrizenja. Jghid ukoll illi skond id-Dok. JS1 Karl Gambin gie nfurmat li l-impjieg tieghu ser jintemm fl-24 ta' Lulju 2009, qabel ma rrizenja l-appellat.

**6.** Li l-appellat kien *company secretary* tas-socjeta` Eurolinx Ltd ma hemm l-ebda dubju. Dan jirrizulta kemm mix-xiehda ta' Leanne Caffari, li tahdem l-MFSA, kif ukoll mix-xiehda ta' l-appellat stess. Dawn it-tnejn min-nies jikkonfermaw li r-rizenja ta' l-appellat kienet b'effett mit-18 ta' Awissu 2009, b'dan li l-formula relattiva giet prezentata l-MFSA fit-2 ta' Settembru 2009. Kuntrarjament ghal dak li jghid l-Avukat Generali, pero`, l-ittra lil Karl Gambin fejn gie nfurmat illi l-impjieg tieghu ser jintemm ntbaghtet minn Jo Remme fl-24 ta' Awissu 2009 u mhux fl-24 ta' Lulju 2009.

**7.** L-Avukat Generali jsostni illi l-appellat kien jaf bis-sitwazzjoni ta' Karl Gambin u ma ezercita ebda diligenza xierqa biex jimpedixxi l-ghemil tar-reat. Issa, l-artikolu 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

**"Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet maghmula bis-sahha tieghu jsir minn socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, kull persuna li fiz-zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta' dik is-socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat <u>jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Mela dan l-artikolu jipprovdi test doppju li jrid jigi pruvat sal-grad tal-probabbli mill-persuna imputata sabiex titqies mhux hatja tar-reat kontestat, u cioe`: (1) li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha; u (2) kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat.

**8.** Fil-kaz in ezami jirrizulta, kif gie osservat fil-paragrafu 6, li l-ittra lil Karl Gambin intbaghtet minn Jo Remme fl-24 ta'

Awissu 2009. Ghalkemm l-Avukat Generali jghid illi l-appellat kien jaf bis-sitwazzjoni ta' Karl Gambin, dan minn imkien ma jirrizulta. L-appellat xehed li hu stess ma kienx jaf bin-*notice*. Xehed li hu kien jiehu hsieb l-affarijiet annwali vis-à-vis l-MFSA u jekk ikun hemm *board meetings* ikun prezenti, izda qatt ma kien hemm *board meetings*. Huwa ma kienx jaf lill-impjegati tal-kumpanija. Xehed illi hu stess ma thallasx dak dovut lilu u rrizenja ghax ma thallasx. Ma kellux kontroll fuq il-pagi ghax mhux hu kien johroghom; ma kienx firmatarju tal-kont tal-bank; ma kienx jopera l-*internet banking*. Jo Remme "telaq minn Malta u halliena lampa stampa kollha kemm ahna." Dan huwa korroborat mix-xiehda ta' Ivan Spiteri meta jghid illi huwa fil-fatt kiteb lil Jo Remme u lil wiehed mid-diretturi fil-Grecja.

**9.** Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz jidher illi l-appellat kien prattikament impjegat bhalma kien impjegat Karl Gambin, b'rwol specifiku. Gie mqarraq bit-tluq hesrem minn Malta ta' Joe Remme bhalma gew imqarrqin l-impjegati l-ohra. Hekk kif ma thallasx ha l-azzjoni necessarja biex jirrizenja minn *company secretary*. Anke jekk stess kien jaf bit-tkeccija ta' l-impjegati, kif jirrizulta mill-ittra lil Karl Gambin kien hemm il-weghda da parti ta' Jo Remme li l-paga u dak kollu dovut se jithallas. Ghalhekk ir-reat sar minghajr it-taghrif tieghu u minghajr ma seta' jaghmel xi haga biex jimpedixxi l-ghemil tar-reat. Dan ma jikkostitwix nuqqas ta' diligenza.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------